



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**A7-0472/2013**

19.12.2013

**\*\*\*I**

## **RAPPORT**

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 1192/69 tal-Kunsill dwar regoli komuni għan-normalizzazzjoni tal-kontijiet ta' intrapriżi tal-ferrovija (COM(2013)0026 – C7-0026/2013 – 2013/0013(COD))

Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

Rapporteur: Jaromír Kohlíček

### ***Tifsira tas-simboli użati***

- \* Proċedura ta' konsultazzjoni
- \*\*\* Proċedura ta' approvazzjoni
- \*\*\*I Proċedura leġislattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- \*\*\*II Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tieni qari)
- \*\*\*III Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

### ***Emendi għal abbozz ta' att***

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b'tipa ***grassa u korsiva***. Test *korsiv normal* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tal-abbozz ta' att li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvjji jew nuqqasijiet f'verzjoni lingwistika partikolari). Il-korrezzjonijiet proposti huma soġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

L-intestatura ta' kwalunkwe emenda għal att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, ikun fiha t-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att. Il-partijiet li jittieħdu kif inhuma minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-abbozz ta' att ma jkunx emenda, huma indikati b'tipa ***grassa***. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...].

## WERREJ

### Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	5
NOTA SPJEGATTIVA.....	8
PROCĊEDURA.....	11



## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 1192/69 tal-Kunsill dwar regoli komuni għan-normalizzazzjoni tal-kontijiet ta' intrapriżi tal-ferrovija  
(COM(2013)0026 – C7-0026/2013 – 2013/0013(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2013)0026),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 91 u 109 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0026/2013),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-11 ta' Ġunju 2013<sup>1</sup>,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tat-8 ta' Ottubru 2013<sup>2</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A7-0472/2013),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
  2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

### Emenda 1

#### Proposta għal regolament

#### Premessa 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

(2) Sensiela ta' miżuri leġiżlattivi ġew adottati fil-livell Ewropew, li fetħu għall-

*Emenda*

(2) Sensiela ta' miżuri leġiżlattivi ġew adottati fil-livell Ewropew, li fetħu għall-

<sup>1</sup> Għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

<sup>2</sup> Għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

kompetizzjoni s-suq tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija u dak internazzjonali tat-trasport ferrovjarju tal-passiġġieri u stabbilixxew, permezz tad-Direttiva Nru 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 li tistabbilixxi żona ferrovjarja unika Ewropea (riformulazzjoni), ċerti prinċipji fundamentali li jinkludu li l-intrapriżi ferrovjarji jkunu mmaniġġjati skont prinċipji li japplikaw għall-kumpaniji kummerċjali, li l-entitajiet responsabbli għall-allokazzjoni ta' kapaċità u l-impożizzjoni ta' tariffi għall-infrastruttura ferrovjarja għandhom ikunu separati minn entitajiet li jħaddmu servizzi ferrovjarji (separazzjoni ta' funzjonijiet essenzjali) u li għandu jkun hemm separazzjoni tal-kontijiet (biex tipprevjeni s-sussidju inkroċjat), li kull intrapriża ferrovjarja mogħtija liċenzja skont il-kriterji tal-UE għandu jkollha aċċess għall-infrastruttura ferrovjarja b'termini ġusti u nondiskriminatorji, u li l-amministraturi tal-infrastruttura jistgħu jibbenefikaw minn finanzjament mill-Istat.

kompetizzjoni s-suq tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija u dak internazzjonali tat-trasport ferrovjarju tal-passiġġieri u stabbilixxew, permezz tad-Direttiva Nru 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 li tistabbilixxi żona ferrovjarja unika Ewropea (riformulazzjoni)<sup>3a</sup>, ċerti prinċipji fundamentali li jinkludu li l-intrapriżi ferrovjarji jkunu mmaniġġjati skont prinċipji li japplikaw għall-kumpaniji kummerċjali, li l-entitajiet responsabbli għall-allokazzjoni ta' kapaċità u l-impożizzjoni ta' tariffi għall-infrastruttura ferrovjarja għandhom ikunu separati minn entitajiet li jħaddmu servizzi ferrovjarji (separazzjoni ta' funzjonijiet essenzjali) u li għandu jkun hemm separazzjoni tal-kontijiet (biex tipprevjeni s-sussidju inkroċjat), li kull intrapriża ferrovjarja mogħtija liċenzja skont il-kriterji tal-UE għandu jkollha aċċess għall-infrastruttura ferrovjarja b'termini ġusti u nondiskriminatorji, u li l-amministraturi tal-infrastruttura jistgħu jibbenefikaw minn finanzjament mill-Istat. ***Iż-żmien limitu għat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2012/34/UE fid-dritt nazzjonali jagħlaq nhar is-16 ta' Ġunju 2015.***

---

<sup>3a</sup> *ĠU L 343, 14.12.2012, p. 32.*

## **Emenda 2**

### **Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ ***l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni*** tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

#### *Emenda*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ ***sentejn wara l-pubblikazzjoni*** tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## *Ġustifikazzjoni*

*Dan il-perijodu ta' sentejn ikun jagħmilha possibbli li tinkiseb stampa aktar ċara tal-effetti tal-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni fuq is-settur ferrovjarju.*

## NOTA SPJEGATTIVA

### *Il-proposta tal-Kummissjoni*

Fil-qafas tar-Raba' Pakkett Ferrovjarju, il-Kummissjoni tipproponi li r-Regolament 1192/69 tal-Kunsill dwar regoli komuni għan-normalizzazzjoni tal-kontijiet tal-impriżi ferrovjarji jiġi revokat. Dan ir-Regolament jippermetti li l-Istati Membri jikkompensaw lill-intrapriżi ferrovjarji għall-ħlas ta' obbligi li l-intrapriżi ta' modi oħra ta' trasport m'għandhomx għalfejn iħallsu, għal varji raġunijiet.

Dawn l-obbligi jistgħu jikkonċernaw, pereżempju, pagamenti speċjali fil-każ ta' aċċidenti fuq il-post tax-xogħol, li l-intrapriża ferrovjarja hija obbligati tħallas imma li fil-każ ta' modi oħrajn ta' trasport jiġġarrbu mill-Istat, pensjonijiet għal ħaddiema ferrovjarji li normalment jirtiraw kmieni minn ċerti xogħlijiet iebesin, jew pagamenti għall-ispejjeż ta' faċilitajiet ta' passaġġ invell. It-tipi ta' kumpens għal obbligi bħal dawn huma diviżi fi 15-il kategorija ("klassijiet") li jiddefinixxu l-ambitu u l-prinċipju ta' komputazzjoni speċifiċi, kif inklużi fl-annessi differenti għar-Regolament 1192/69.

Ir-Regolament 1192/69 ġie adottat qabel ma s-suq ferrovjarju ġie liberalizzat u meta t-trasport ferrovjarju fl-Ewropa kien qed jiżviluppa primarjament fi ħdan il-fruntieri nazzjonali, b'kumpaniji integrati li kienu jħaddmu s-servizzi ferrovjarji kif ukoll jiġġestixxu l-infrastruttura ferrovjarja. Dak iż-żmien l-oġettiv tar-Regolament kien li l-intrapriżi ferrovjarji u l-intrapriżi attivi f'modi oħrajn tat-trasport jitqiegħdu fl-istess livell kompetittiv. Barra minn hekk, ir-relazzjoni bejn il-gvernijiet u l-intrapriżi, li l-maġġorparti tagħhom kienu proprjetà tal-Istat, ma kinitx għadha regolata bi ftehim kuntrattwali, u kien hemm rabta ferm aktar diretta ta' proprjetà bejn iż-żewġ atturi. Minħabba l-intenzjoni inizjali tiegħu, ir-Regolament fih elenku ta' kumpaniji ferrovjarji li qabel kienu proprjetà tal-Istat. Din il-lista ġiet adattata kull darba li kien hemm tkabbir tal-UE, l-aħħar darba fl-2007, u l-lum fiha 36 kumpanija.

Il-Kummissjoni tiddikjara li sa mill-2007 erba' Stati Membri nqadew b'dan ir-Regolament: il-Belġju, il-Ġermanja, l-Irlanda u l-Polonja. Mill-15-il klassi, il-pagamenti saru biss fi 3. Il-Kummissjoni hi tal-opinjoni li, wara bosta pakketti ferrovjarji li ttrasformaw is-settur ferrovjarju, ir-regolament m'għadux jirrispetta aktar l-ambjent ġuridiku ta' bħalissa u jiddiskrimina bejn dawk l-intrapriżi ferrovjarji inklużi fil-lista (li għalhekk huma eliġibbli għall-pagamenti ta' kumpens) u dawk esklużi mil-lista.

### *Il-pożizzjoni tar-rapporteur*

Din il-proposta għandha l-għan li tirrevoka r-Regolament 1192/69, li hu għaliex hi eskluża l-modifika tat-test tar-regolament innifsu. Filwaqt li fil-pakketti kollha ferrovjarji ta' qabel, kif propost mill-Kummissjoni Ewropea u mbagħad adottati u trasposti mill-Istati Membri, l-għan kien li d-drittijiet u l-obbligi jiġu estenzi għal dawk kollha li jidħlu ġodda fis-settur ferrovjarju u, għalhekk, li jinfetħ is-suq ferrovjarju, hawnhekk il-Kummissjoni qed tipproponi li ssolvi d-diskriminazzjoni potenzjali fost l-intrapriżi ferrovjarji mhux b'riformulazzjoni adegwata, kif inhu l-każ f'testi leġiżlattivi oħra, imma bi tħassir dirett tal-att: jiġifieri bir-revoka tar-Regolament.



Għalhekk, il-leġiżlatur essenzjalment għandu tliet għażliet:

1. li jaqbel mal-intenzjoni tal-Kummissjoni u japprova r-revoka;
2. li jipposponi d-deċiżjoni dwar ir-revoka u jitlob lill-Kummissjoni, wara analiżi aktar approfondita, timmodifika r-Regolament eżistenti u tadattah għall-qafas ġuridiku ta' bħalissa;
3. li jirreġetta r-revoka u jżomm ir-Regolament fis-seħħ.

Ir-rapporteur hu favur it-tieni għażla. Hu tal-fehma li, qabel ma tittieħed deċiżjoni dwar ir-revoka tar-regolament, jeħtieġ li l-ewwel jiġi vvalutat l-impatt tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2012/34 l-ġdida fuq is-settur ferrovjarju li daħlet fis-seħħ f'Novembru 2012. Ċertament hu korrett, kif qed tgħid il-Kummissjoni, li t-test ta' bħalissa tar-Regolament hu diskriminatorju, billi joffri l-possibilità ta' kumpens lil 36 kumpanija speċifika biss. Skont għadd ta' liċenzji ferrovjarji hemm aktar minn 1000 intrapriża ferrovjarja attiva fl-UE. Għaldaqstant, mhix għażla li dan ir-Regolament jinżamm fis-seħħ kif inhu, billi jippermetti biss lil għadd limitat ta' intrapriżi ferrovjarji jitolbu tali kumpens, skont ir-regoli u l-qafas leġiżlattiv nazzjonali tagħhom dwar l-iskemi tal-pensjonijiet u tal-assikurazzjoni.

Minflok, għandu jiġi previst li dawn il-kumpensi jsiru disponibbli għall-intrapriżi ferrovjarji kollha. Il-biċċa l-kbira tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2012/34 għandhom jiġu trasposti fid-dritt nazzjonali sa mhux aktar tard mis-16 ta' Ġunju 2015: fosthom, ngħidu aħna, l-obbligu tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni konsegwenti ta' ftehim kuntrattwali, b'tul ta' żmien ta' mill-anqas ħames snin, dwar l-investimenti fl-infrastruttura ferrovjarja. Tali kuntratti għadhom mhumiex fis-seħħ fl-Istati Membri kollha tal-UE, jew it-tul ta' żmien u l-kundizzjonijiet tagħhom ivarjaw.

Ikun prematur li jiġi revokat direttament ir-Regolament 1192/69. Fil-klima ekonomiku ta' bħalissa u fl-isfond tas-sistemi ferrovjarji sottofinanzjati f'bosta Stati Membri, jista' jkun neċessarju li tinżamm il-possibilità li l-ferroviji jiġu kkompensati għal ċerti pagamenti li jkunu meħtieġa skont id-dritt nazzjonali u li modi oħra ta' trasport mhux marbutin iġarrbu. Biex l-effetti tad-dispożizzjonijiet il-ġodda jsiru viżibbli, ikun aktar xieraq li wieħed jistenna li jgħaddi aktar żmien u mbagħad jivvaluta sew l-impatt tal-leġiżlazzjoni l-ġdida.

Fid-Direttiva 2012/34, l-Artikolu 15 jirrikjedi li l-Kummissjoni kull sentejn tipprovdi rapport ta' monitoraġġ dwar l-istat tas-settur ferrovjarju u tal-investment, b'valutazzjoni ġenerali tal-implimentazzjoni tad-Direttiva: hu konsiljabbli li rapport simili jingħata lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew sentejn wara l-iskadenza tat-terminu għat-trapożizzjoni ta' din id-Direttiva. Abbażi ta' din il-valutazzjoni, il-leġiżlaturi jkunu mbagħad infurmati jekk fil-frattemp ikun saru l-pagamenti ta' kumpens kif previst mir-Regolament 1192/69.

Ir-rapporteur hu mħasseb dwar dawk l-Istati Membri fejn l-iskema ta' welfare tal-ħaddiema ferrovjarji u d-drittijiet miksuba tagħhom għall-irtirat bikri għadhom qed jiġu mġarrba mill-baġits tal-Istati Membri skont il-liġijiet nazzjonali tagħhom. Dawn il-liġijiet jirrispettaw bis-sħiħ l-indipendenza tal-intrapriżi ferrovjarji, li ġa qed jaġixxu b'mod kummerċjali, u huma wkoll kompatibbli mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 93 tat-Trattat

li jirrikonoxxi l-ispeċifità tas-settur tat-trasport.

Għaldaqstant, ir-rapporteur jipproponi li:

1. id-deċiżjoni finali dwar ir-revoka tar-Regolament 1192/69 tiġi posposta sal-31.12.2019;
2. il-Kummissjoni tintalab tivvaluta, permezz ta' rapport li għandu jintbagħat sa mhux aktar tard mill-31.12.2017, l-effetti tat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2012/34 fid-dritt nazzjonali wara l-iskadenza tat-terminu tas-16 ta' Ġunju 2015;
3. il-Kummissjoni, skont ir-riżultati tal-implementazzjoni tad-Direttiva 2012/34 trasposta, tintalab tressaq, jekk ikun xieraq, proposta leġislattiva ġdida li tagħti lill-intrapriżi kollha ferrovjarji l-istess drittijiet li bħalissa jingħataw mir-Regolament 1192/69 jew li tikkonferma r-revoka tiegħu.

L-emendi mhejjjin f'dan l-abbozz ta' rapport jirriflettu dak l-approċċ.

## PROĊEDURA

<b>Titolu</b>	Tħassir tar-Regolament (KEE) Nru 1192/69 tal-Kunsill dwar regoli komuni għan-normalizzazzjoni tal-kontijiet ta' intrapriżi tal-ferrovija	
<b>Referenzi</b>	COM(2013)0026 – C7-0026/2013 – 2013/0013(COD)	
<b>Data meta ġiet ippreżentata lill-PE</b>	30.1.2013	
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	TRAN 7.2.2013	
<b>Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ECON 7.2.2013	EMPL 7.2.2013
<b>Opinjoni(jiet) mhux mogħtija</b> Data tad-deċizzjoni	ECON 18.6.2013	EMPL 11.9.2013
<b>Rapporteur(s)</b> Data tal-ħatra	Jaromír Kohlíček 4.3.2013	
<b>Eżami fil-kumitat</b>	8.7.2013	14.10.2013
<b>Data tal-adozzjoni</b>	17.12.2013	
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: –: 0:	37 4 2
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Inés Ayala Sender, Georges Bach, Erik Bánki, Izaskun Bilbao Barandica, Antonio Cancian, Michael Cramer, Joseph Cuschieri, Philippe De Backer, Luis de Grandes Pascual, Christine De Veyrac, Saïd El Khadraoui, Ismail Ertug, Carlo Fidanza, Knut Fleckenstein, Jacqueline Foster, Franco Frigo, Mathieu Grosch, Jim Higgins, Juozas Imbrasas, Dieter-Lebrecht Koch, Georgios Koumoutsakos, Werner Kuhn, Bogusław Liberadzki, Marian-Jean Marinescu, Mike Natrass, Dominique Riquet, Petri Sarvamaa, Vilja Savisaar-Toomast, Olga Sehnalová, Brian Simpson, Giommaria Uggias, Peter van Dalen, Patricia van der Kammen, Roberts Zile	
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Phil Bennion, Jean-Jacob Bicep, Spyros Danellis, Zita Gurmai, Alfreds Rubiks, Geoffrey Van Orden, Sabine Wils, Karim Zéribi	
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Mario Pirillo	
<b>Data tat-tressiq</b>	19.12.2013	